

Brussell, 25 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5570/21

LIMITE

ECOFIN 66
UEM 19

NOTA TA' INFORMAZZJONI

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozz ta' disinn għal munita kommemorattiva ta' 2 euro mil-Litwanja |

1. Skont l-Artikolu 10(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni¹ (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill"), il-Litwanja ppreżentat, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozz ta' disinn għal:
 - munita kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex tinħareġ fl-2021, iddedikata għar-Riżerva tal-Bijosfera ta' Żuvintas (il-Programm "Il-Bniedem u l-Bijosfera" tal-UNESCO)
(kif tinsab fid-dok. ST 5201/21).
2. F'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak it-fassil x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu. Skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma kienx jirrispetta r-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija kellha tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.

¹ *ĠUL 194, 2.7.2014, p. 1.*

3. Ma tressqet l-ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill sal-20 ta' Jannar 2021, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill.
4. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn imsemmi hawn fuq titqies li ġiet adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2021².
5. Huwa mfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar disinji ġodda ta' muniti għaċ-ċirkolazzjoni nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fl-aġenda għal laqgħa li jmiss.

² Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 huma ddeterminati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien (*ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1*).